PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

18.7.2011

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1593/2010, imressqa minn Francesco Pierandrea Luca Falcone, ta' ċittadinanza Taljana, dwar it-tniġġis tal-ambjent marittimu mid-drenaġġ fi Sqallija**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jakkuża lill-awtoritajiet b'nuqqas ta' azzjoni biex jipprevienu t-tniġġis mid-drenaġġ u t-tniġġis tossiku tal-ambjent marittimu taż-żona protetta ta' Acitrezza fi Sqallija. Huwa baħri professjonali u ddenunzja din is-sitwazzjoni diversi drabi mill-2005 'l hawn. Huwa ressaq ukoll kawżi l-qorti fil-livell lokali u f'dak nazzjonali.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-1 ta' April 2011. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta mill-Kummissjoni, li waslet fit-18 ta' Lulju 2011

Il-Kummissjoni diġà talbet informazzjoni mill-awtoritajiet Taljani meta kienet qed teżamina l-petizzjonijiet 410/2009 u 547/2009 (issa magħluqin) dwar l-istess kwistjoni, sabiex tivverifika l-konformità mal-liġi ambjentali tal-UE, partikolarment mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE[1] dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma ("id-Direttiva dwar il-Landfill"), id-Direttiva 2006/12/KE[2] tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-iskart ("id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma"), kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[3] dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat

[1] ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1-19.
[2] ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9, Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart, li tħassar u tissostitwixxi d-Direttiva 2006/12/KE li daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2010.
[3] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. It-tweġiba mill-awtoritajiet Taljani issa waslet u ġiet evalwata mill-Kummissjoni.

L-awtoritajiet Taljani taw ir-risposta tagħhom fis-16 ta' April 2010 fejn spjegaw il-passi li ħadu biex jirrimedjaw għall-problemi ambjentali. F'ittra tad-9 ta' April 2010, l-awtorità reġjonali ta' Sqallija talbet lill-awtorità muniċipali (Aci Castello) tneħħi, tirkupra jew tarmi l-iskart u ġġib lura ż-żoni fil-kundizzjoni li kienu fiha qabel, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli. L-awtorità reġjonali talbet lill-awtorità muniċipali biex timplimenta speċifikament l-Artikolu 192(3) tat-Test Konsolidat tal-Kodiċi Ambjentali Taljana kif stabbilit fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 152 tat-3 ta' April 2006 "mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tal-penali msemmija fl-Artikoli 255 u 256" (dwar il-projbizzjoni tal-abbandun u d-depożitar tal-iskart b'mod mhux ikkontrollat fuq l-art u fl-ilma).

Is-Sindku ntalab joħroġ Ordni biex isir ix-xogħol meħtieġ, u speċifika l-iskadenza għat-tlestija. Jekk tinqabeż l-iskadenza skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ u ż-żoni jkunu għadhom ma nġibux fil-kundizzjoni kif kienu, l-awtorità muniċipali ntalbet tagħmel arranġamenti biex ix-xogħol isir għas-spejjeż tal-partijiet ikkonċernati. Intalbu rapport speċifiku u stqarrija li jikkonfermaw it-twettiq tax-xogħol biex iż-żoni jinġiebu kif kienu qabel.

L-awtorità muniċipali wieġbet li l-iskart kien irriżulta mid-distruzzjoni ta' moll fuq il-gżira ta' Lachea. Dan l-iskart kien diġà ġie mneħħi, irkuprat u mormi f'konformità mar-rekwiżiti legali. Barra minn hekk, l-awtoritajiet skedaw ħidma ta' tindif ta' qiegħ il-baħar fil-port ta' Acitrezza kif ukoll ta' żoni kostali oħra. Din kienet ippjanata li ssir mill-Awtorità għall-Ħarsien taż-Żona Marina u minn organizzazzjonijiet volontarji lokali. Ġew organizzati ħidmiet ta' tindif bħala parti mill-inizjattiva "Ħdud Ambjentali 2010".

Ser isiru spezzjonijiet oħra mill-awtoritajiet Taljani biex jiġi żgurat li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġu rrimedjati l-problemi ambjentali kkawżati mir-rimi ta' skart fiż-żoni kkonċernati. L-Awtorità Marina stiednet ukoll lil dawk kollha interessati biex iżuru ż-żoni kkonċernati.

Il-miżuri li ħadu l-awtoritajiet Taljani biex jirrimedjaw il-problemi ambjentali kkawżati mir-rimi illegali tal-iskart u mit-tniġġis tal-ilma baħar fis-sit protett ta' "Riserva Naturale Area Marina Isole Ciclopi" u fil-port ta' Acitrezza jidhru li huma xierqa u ma jista' jitqies ebda ksur tal-liġi ambjentali tal-UE f'dan il-każ.